Kamra tad-Deputati
Malta

KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

# L-EDUKAZZJONI U L-PREVENZJONI, IR-RESPONSABBILITÀ U L-FEDELETÀ: L-AQWA STRATEĠIJA NAZZJONALI FAVUR IS-SAĦĦA SESSWALI

IT-TIENI RAPPORT TAL-11-IL LEĠISLATURA

LULJU 2009

## Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti huwa magħmul minn 7 Membri li ġejjin miż-żewġ naħat tal-Kamra. Skont Ordni Permanenti 120G tal-Parlament, xogħol il-Kumitat huwa li jittratta l-materji kollha li għandhom x'jaqsmu ma' politika soċjali inkluż assistenza soċjali u affarijiet tal-familja, li jistgħu, iżda mhux neċessarjament, ikunu riferuti lilu mill-Kamra jew mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Il-Membri li jservu fuq dan il-Kumitat huma:

Onorevoli Edwin Vassallo, MP, President
Onorevoli Frederick Azzopardi, MP, Membru
Onorevoli Justyne Caruana, MP, Membru
Onorevoli Michael Farrugia, MP, Membru
Onorevoli Michael Gonzi, MP, Membru
Onorevoli Stephen Spiteri, MP, Membru
Onorevoli Anthony Zammit, MP, Membru

**WERREJ**


| | | |
|---|---|---|
| 1. | **L-EDUKAZZJONI U L-PREVENZJONI, IR-RESPONSABBILITÀ U L-FEDELETÀ – L-AQWA STRATEĠIJA NAZZJONALI FAVUR IS-SAĦĦA SESSWALI** | pġ4 |
| 1.1 | Preambolu | pġ4 |
| 1.2. | Il-GU *Clinic* | pġ5 |
| 1.3. | L-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali | pġ5 |
| 2. | **SINTEŻI U KUMMENTI MILL-MEMBRI TAL-KUMITAT DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI, FIL-LAQGĦA MA' DR PHILIP CARABOT, DR CHARMAINE GAUCI U DR ANNA VELLA** | pġ8 |
| 2.1. | Introduzzjoni | pġ8 |
| 2.2. | Edukazzjoni u Prevenzjoni | pġ8 |
| 2.3. | Responsabbilità | pġ11 |
| 2.3.1. | Ir-responsabbilità u t-tobba | pġ13 |
| 2.4. | Fedeltà | pġ14 |
| 2.5. | Suġġetti prinċipali u r-*risk compensation* | pġ16 |
| 3. | **RAKKOMANDAZZJONIJIET** | pġ18 |
| 3.1. | Punti Ewlenin | pġ18 |
| 3.2. | L-għażliet personali | pġ18 |
| 3.3. | Il-valuri fis-soċjetà | pġ20 |
| 3.4. | Aċċess għas-servizzi | pġ20 |
| 3.5. | Il-familji u l-komunità | pġ22 |
| 3.6. | Riċerka, evalwazzjoni u informazzjoni | pġ23 |
| | **APPENDIĊI 1** | pġ25 |
| 4. | **TRANSKRITT TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI MA' DR PHILIP CARABOT, DR CHARMAINE GAUCI U DR ANNA VELLA** | pġ26 |

**L-EDUKAZZJONI U L-PREVENZJONI, IR-RESPONSABBILITÀ U L-FEDELETÀ – L-AQWA STRATEĠIJA NAZZJONALI FAVUR IS-SAĦĦA SESSWALI**

## 1.1. Preambolu

Ir-rapport ta' Ħidma tal-*Genitourinary* (GU) *Clinic*, jindika kif in-numru ta' pazjenti infettati minn mard sesswali baqa' jiżdied sena wara l-oħra. Ir-rapport tal-klinika tal-Istat responsabbli għall-kura ta' mard trasmess sesswalment iqanqal tħassib akbar għaliex in-numru ta' persuni nfettati f'Malta u li ma jużawx din il-klinika jista' jkun ferm akbar. L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa tistma' li skont id-daqs, kultura, u ġeografija, Malta għandha potenzjal ta' madwar 13,000-il elf persuna infettata kull sena. Preokkupazzjoni oħra hija l-persentaġġ dejjem jiżdied ta' rapporti sesswali każwali u l-fatt li min ikun infettat ma jkunx jaf mingħand min ħa l-marda. Ġie nnutat li l-kaġun ta' dan jistgħu jkunu rapporti sesswali minn persuni li jkunu taħt l-influenza eċċesiva tal-alkoħol u d-droga. Barra minn hekk, 70% tal-klijenti ta' din il-klinika, rrapurtaw li qatt ma użaw kontraċettiv.

Wara li sema' l-esperti, il-Kumitat innota li l-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali għandha tkun waħda uniformi li twassal għall-messaġġ ċar u ffukat, b'attenzjoni partikolari lejn l-età tal-persuna. Il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali iddeċieda li jorganizza serje ta' laqgħat sabiex l-i*stakeholders* kollha jagħrfu dan il-messaġġ u b'hekk ma jibqax jinħass konfużjoni ta' messaġġi differenti li jistgħu iħawdu l-imħuħ u l-aġir sesswali fis-soċjetà. Dan ser jgħin lid-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa fl-aħjar għarfien tal-ħtieġa ta' din il-politika lil dawk kollha konċernati, inkluż iż-żgħażagħ, il-ġenituri, l-għalliema, tobba u professjonisti tas-saħħa. Id-Dipartiment tas-Saħħa diġa ħejja grupp ta' professjonisti u esperti li qed jaħdmu fuq strateġija nazzjonali dwar is-saħħa sesswali li ser tiffoka fuq aktar għarfien pubbliku, responsabbilità, edukazzjoni għat-tfal u ġenituri, sorveljanza, kura u riċerka.

Quddiem dan il-kuntest u permezz tal-laqgħat li kellu l-Kumitat ma' esperti fis-suġġett, il-Membri tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali fehmu li għandhom ikunu tlieta l-valuri li jdawlu l-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali:

- **l-edukazzjoni u l-prevenzjoni**
- **ir-responsabbilità u**
- **l-fedeltà.**

## 1.2. Il-GU *Clinic*[1]

Kull ma jmur din il-klinika tal-Istat qed tiġbed aktar numru ta' pazjenti. Minn 760 pazjent fis-sena 2000 għal 2221 fl-2007. 75% tal-pazjenti fl-2007 (1657) kienu pazjenti ġodda u l-proporzjon bejn il-pazjenti rġiel u nisa kienu 1.7:1. L-età ta' dawk bejn il-15 u 24 sena jammontaw għal kważi 40% tal-pazjenti fl-2007 u 40% kienu minn 40 sena 'l fuq. 71% mill-pazjenti kienu *single*, 18% kienu miżżewġa, 8% separati u 0.1% divorzjati.

Bil-maġġoranza tal-pazjenti (89%) jkunu b'orjentazzjoni sesswali eterosesswali, 7.2% omosesswali u 1.4% bisesswali, l-akbar numru ta' pazjenti jaslu l-GU *Clinic* fuq inizjattiva personali (76%), 17.6% riferuti mit-tobba, 3.7% mill-*Caritas* u 1.26% minn għaqdiet mhux governattivi oħrajn.

16.7% tal-pazjenti nisa li jżuru l-GU *Clinic* jużaw kontraċettiv, l-aktar (94%) il-pillola kontraċettiva orali. 25.4% jammettu li jipprattikaw is-sess anali. Din hija prattika sesswali ta' riskju għoli, partikolarment meta wieħed jikkunsidra li 42% tal-pazjenti li jmorru l-GU *Clinic* jkollhom attività sesswali każwali. Minn dawn li qalu li jkollhom attività sesswali każwali, 28% huma miżżewġin u jammettu li jkollhom x'jaqsmu sesswalment ma' prostituti. 'Il fuq minn 70% ma jużawx protezzjoni waqt ir-rapport sesswali.

Għalkemm din l-Istatistika ma tistax tiġi ġeneralizzata, meta meħuda fuq il-popolazzjoni Maltija kollha, tista titfa' aktar dawl u tqanqal ċertu tħassib. Anke minħabba l-fatt li ċertu mard trasmess sesswalment bħal *gonorrhea* żdied bi 52% u li madwar nofshom jkunu diġà bdew jieħdu l-kura bl-antibijotiċi. Apparti li din ir-realtà f'Malta tista tindika l-użu tal-antibijotiċi b'mod sporadiku mingħajr testijiet jew mixtrijin mingħajr preskrizzjoni tat-tabib, dan qed iwassal għal ċirkustanzi fejn il-mikrobu tal-*gonorrhea* qed ikun aktar reżistenti għall-antibijotiċi komuni. Fl-2007 il-pazjenti morda bis-*syphilis* kienu 18, 43% minnhom ma kinux qed iħossu sintomi tal-marda. Il-konsegwenzi ta' din il-marda huma gravi jekk wieħed jibqa' jipposponi l-kura u allura l-kura tagħha hija mportanti ħafna. Madanakollu, ir-riċerka tindika li din il-marda trasmessa sesswalment qed tiżdied anki fin-nisa tqal.

## 1.3. L-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali[2]

Dr Charmaine Gauci, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard, spjegat kif id-dipartiment li hi tieħu ħsieb huwa relattivament ġdid u li sar permezz tar-riforma fid-Dipartiment tas-Saħħa. Il-

[1] Carabot. P. (2007). *Genitourinary report 2007*. GU Clinic: Malta.
[2] Transkritt tal-laqgħa mehmuż

parti tal-prevenzjoni tal-mard ġiet integrata fid-Dipartiment minħabba l-enfasi kbira fuq il-prevenzjoni tal-mard u kif il-prevenzjoni u t-tagħlim jistgħu itejbu s-saħħa sesswali kollha tal-persuna. L-Għaqda Dinija tas-Saħħa tiddefinixxi s-saħħa sesswali bl-istess mod bħalma tiddefenixxi kull qasam ieħor tas-saħħa[3]. Is-saħħa mhijiex biss li persuna ma jkollhiex mard fiżiku imma li emozzjonalment, psikoloġikament u soċjalment tkun b'saħħitha. B'hekk il-persuna tkun tista' ssaħħaħ l-personalità, is-sesswalità, il-komunikazzjoni u l-imħabba f'relazzjoni u mas-soċjetà in ġenerali.

Għalhekk permezz ta' messaġġi favur is-saħħa, il-promozzjoni ta' edukazzjoni sesswali ser tindirizza kull età fis-soċjetà. L-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali trid twassal messaġġi mhux biss liż-żgħażagħ imma saħansitra lit-tfal, iż-żgħar u l-adulti. Kull persuna fis-soċjetà trid titgħallem tieħu ħsieb il-persuna u ssaħħaħ l-istima fiha nnifisha. Madanakollu attenzjoni partikolari trid tingħata lil dawk il-gruppi li jkunu aktar ta' riskju. Skont studji Ewropej[4], għad fadal persuni f'Malta li ma għandhomx biżżejjed għarfien fuq il-mard trasmess sesswalment u allura dan huwa propju x-xogħol tad-Dipartiment. Id-Dipartiment irid ikompli jżid l-għarfien fost il-popolazzjoni in ġenerali, b'mod partikolari lejn gruppi fis-soċjetà li jkunu f'riskju għoli, flimkien ma' tagħlim ieħor fuq tqala mhux pjanata u l-konsegwenzi emozzjonali ta' sess f'età żgħira u l-abbuż sesswali. Jikkumplimenta dan, ser ikun l-għarfien fuq is-servizzi ta' kura minn mard trasmess sesswalment f'Malta, saħansitra sa minn fejn wieħed jista' jieħu parir u *counselling*.

Ħaġa oħra mportanti hija li mhux biss jiżdied l-għarfien imma li s-soċjetà tkun taf tieħu d-deċiżjoni t-tajba b'responsabbiltà. Il-messaġġi jridu jkunu ċari, effettivi u diretti. Ma fadalx iż-żmien li l-messaġġi jibqgħu iduru mal-kantunieri imma jeħtieġ messaġġ iffukat u l-fatti jiġu mwassla skont kif tirrakkomanda r-riċerka u x-xjenza. Is-sens tar-responsabbiltà huwa aspett importanti f'messaġġ favur it-titjieb tal-kwalità tal-ħajja. Edukazzjoni favur saħħa sesswali trid tasal mingħand professjonisti li jagħrfu jgħinu jbiddlu l-kultura tal-ħsieb fin-nies. Importanti li kulħadd ikollu l-ħila meħtieġa sabiex jitnaqqsu r-riskji, jitnissel is-sens ta' assertività, u tittejjeb il-komunikazzjoni u l-istabbilità bejn il-koppja qabel ma' dawn jiddeċiedu li jagħmlu l-att sesswali. L-istrateġija nazzjonali ser tindirizza b'mod speċjali l-pressjoni soċjali li qed jesperjenzaw iż-żgħażagħ, li

---

[3] http://www.lho.org.uk/LHO_Topics/Health_Topics/Determinants_of_Health/Lifestyle_and_Behaviour/SexualHealth.aspx

[4] http://www.unaids.org/en/CountryResponses/Countries/malta.asp
http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/06/1295
http://www.independent.com.mt/news.asp?newsitemid=43282
http://www.epha.org/a/2417

ssarraf f'attività sesswali prematura. Iż-żgħażagħ irid ikollhom il-ħiliet sabiex ikunu jistgħu jirreżistu din il-pressjoni soċjali u motivazzjoni favur stima tagħhom nfushom u r-rispett lejn is-sesswalità tagħhom.

Dr Gauci spjegat l-istrateġija tal-*ABCD*[5] tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa bħala l-bażi tal-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali. Il-pjan ta' azzjoni jinkludi l-promozzjoni tas-saħħa sesswali permezz ta' programmi ta' għarfien, bidla fl-attitudni sesswali u s-servizzi ta' sapport. It-taħriġ tal-professjonisti huwa mportanti ħafna, partikolarment dawk il-professjonisti fl-oqsma tal-kura, prevenzjoni u l-għalliema li jkunu jaħdmu mat-tfal. Is-settur tal-edukazzjoni huwa sieħeb strateġiku għaliex l-għarfien u t-tagħlim irid jibda mit-tfal żgħar. Il-messaġġ irid jasal skont l-età tal-istudenti, sakemm fl-aħħar jinbena ċertu sens ta' responsabbilità li twassal għal aktar maturità sesswali. Anke l-ġenituri għandhom rwol kbir sabiex jikkumplimentaw ix-xogħol li jsir fl-iskejjel. Ma jistax ikun li tinħoloq sitwazzjoni ta' kuntrast fejn fl-iskola tkun qed twassal messaġġ mod u l-ġenituri jwasslu messaġġ ieħor. Agħar minn hekk jistgħu jkunu sitwazzjonijiet fejn ma jkunx hemm djalogu d-dar fuq is-saħħa sesswali jew saħansitra jingħata eżempju ħażin mill-ġenituri nfushom.

Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa ser jieħu ħsieb is-sorveljanza tal-mard infettiv. Tinħass diskrepanza fl-Istatistika għaliex meta jitqabblu u jiġu kumparati n-numri, jidher li huma verament ftit li jfittxu l-għajnuna jew li jiġu nnotifikati mit-tobba. Ir-riċerka lokali tista' titfa' aktar dawl fuq ir-realtajiet f'Malta u x'inhuma dawk il-messaġġi li verament jaħdmu fil-kultura Maltija u kif jistgħu jissaħħu s-servizzi ta' kura. L-Istatistika ta' Dr Carabot turi żieda minn mindu fetħet il-GU *clinic* u dan jista' jkun attribwit minħabba s-servizz fih innifsu. Però ma jistax ikun li jibqa post wieħed biss fejn in-nies jistgħu jmorru għall-għajnuna u kura. It-tisħiħ tas-servizzi ta' kura hija ndispensabbli fl-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali.

---

[5] http://www.who.int/topics/sexually_transmitted_infections/en/
A (*abstinence* - astjeni), B (*be faithful* – kun fidil fir-relazzjoni), C (*condomise* – uża l-condom), D (*don't do drugs* – tużax droga u alkoħol)

## SINTEŻI U KUMMENTI MILL-MEMBRI TAL-KUMITAT DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI, FIL-LAQGĦA MA' DR PHILIP CARABOT, DR CHARMAINE GAUCI U DR ANNA VELLA[6]

### 2.1. Introduzzjoni

Dr Carabot, it-tabib li jmexxi l-klinika tal-Istat responsabbli għall-kura ta' mard trasmess sesswalment, qal lill-Kumitat li minn 2221 pazjent li żaru l-klinika fl-2007, kważi 10% huma persuni taħt it-18-il sena, 43% jkollhom rapporti sesswali każwali u 70% ma jużawx protezzjoni waqt ir-rapport sesswali. B'komplikazzjonijiet serji bħal kanċer fl-għonq tal-utru, problemi fit-tqala, twelid u infertilità, Dr. Carabot saħaq fuq strateġija nazzjonali li twassal messaġġ favur stil ta' ħajja sesswali responsabbli. Dr. Charmaine Gauci, Direttur tal-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni mill-Mard, spjegat kif qed tiġi mfassla strateġja nazzjonali li tħeġġeġ lis-soċjetà sabiex mhux biss ikollha l-għarfien fuq il-kontraċettivi iżda motivazzjoni favur għemil u attitudni sesswali pożittiva, bbażata fuq ir-responsabbilità u l-fedeletà bejn il-koppja. Min-naħa l-oħra, Dr. Anna Vella, edukatriċi fil-qasam tas-saħħa sesswali, tkellmet fuq kif iż-żgħażagħ qed ikunu mħajra u mġegħla sabiex jagħmlu s-sess minn età żgħira. Il-ħbieb, il-*media*, l-internet u aċċess faċli għall-pornografija huma fatturi li qed iwasslu għal-sess avventuruż li jista jwassal għal mard u trawmi psikoloġiċi. Dr. Vella saħqet fuq l-importanza tar-rwol tal-ġenituri maż-żgħażagħ u edukazzjoni sesswali fl-iskejjel li jkollha messaġġ pożittiv u ċar. Il-ġenituri għandhom ir-responsabbilità li jieħdu ħsieb x'qed jaraw it-tfal fuq l-internet u l-ħbieb ma' min jagħmluha. Edukazzjoni sesswali għandha tkun immirata sabiex iż-żgħażagħ isaħħu l-istima tagħhom infushom u jipposponu r-rapport sesswali għal età aktar matura. Dan għaliex huwa komuni ħafna li tfajliet li jkollhom rapporti sesswali minn età żgħira jispiċċaw d'dispjaċiri kbar u dwejjaq għar-rapporti sesswali li huma jkunu għamlu.

### 2.2. Edukazzjoni u Prevenzjoni

Edukazzjoni dwar saħħa sesswali trid tiffoka fuq x'għandu jsir u mhux fuq x'ma għandux isir. Studju tal-*Health Behaviour School Children*[7] f'Malta u oħrajn mhux uffiċjali li saru minn studenti fl-Università ta' Malta jindikaw li madwar 25% taż-żgħażagħ fl-età ta' bejn 12 u 15-il sena jistgħu ikunu sesswalment attivi. Madanakollu, fadal persentaġġ kbir ta' żgħażagħ li għadhom qed jaħsbuha sabiex ikollhom rapport sesswali. Edukazzjoni favur saħħa sesswali f'dawn l-etajiet għandha tinkoraġġixxi l-astinenza u l-posponiment tal-att sesswali bħala

[6] Transkritt tal-laqgħa mehmuż
[7] http://www.hbsc.org/

deċiżjoni għaqlija. Dan għaliex żgħażagħ li jagħmlu sess minn età żgħira jispiċċaw d'dispjaċiri emozzjonali kbar fil-futur.

It-tagħlim fuq l-astinenza u l-kontraċettivi għandhom ikunu ċari u ħielsa minn kull *taboo* u *preġudizzju*. Għandu jinstab il-ħin u r-riżorsi sabiex l-awtoritajiet iwasslu l-messaġġ liż-żgħażagħ, b'kull mezz possibbli, internet, televiżjoni, b'mod personali u fl-iskejjel. Mhux biss, iżda għandhom isiru interventi edukattivi u preventivi f'postijiet ta' divertiment fejn iż-żgħażagħ jiltaqgħu u allura ċ-ċans ta' rapporti sesswali jiżdied. L-użu tad-droga u l-użu eċċessiv tal-alkoħol huma wħud mill-fatturi ewlenin li jwasslu għall-rapporti sesswali bl-addoċċ, bla rażan u bla qies; u allura edukazzjoni favur kultura ħielsa mid-dipendenza għandha tibqa tiġi sostnuta u tikkumplimenta l-istrateġija favur is-saħħa sesswali.

Il-Membri Parlamentari fi ħdan il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali saħqu fuq dan u tkellmu fuq l-importanza ta' edukazzjoni u prevenzjoni favur soċjetà ħielsa mill-abbuż, partikolarment dak tal-alkoħol, għaliex f'Malta qed tippersisti kultura favur l-abbuż tal-alkoħol, speċjalment *binge drinking*, u din tista tirrifletti f'rapporti sesswali każwali. Meta mistoqsi fuq jekk hux qed isiru kampanji televiżi favur is-saħħa sesswali, Dr Carabot qal kif llum it-televiżjoni tal-Istat ma għadhiex tippermetti riklamar ta' natura soċjali b'xejn u allura dan qed jitfa' aktar piż finanzjarju u jagħmilha aktar diffiċli għad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa. Il-Membri tkellmu fuq kif id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa għandu jagħmel sforz sabiex il-kliniċi tat-tobba tal-familja ikunu mgħammra b'fuljetti ta' informazzjoni favur saħħa sesswali għall-pazjenti.

Il-Membri tal-Kumitat żiedu li edukazzjoni favur is-saħħa sesswali għandha tagħti mportanza wkoll lir-relazzjonijiet u l-pressjonijiet li qed jgħaddu minnhom l-istudenti. Huma qalu li jista' jagħti l-każ li jekk żgħażagħ ma jkunux attivi sesswalment, dawn jistgħu ma jiġux aċċettati mill-bqija tal-grupp. Fid-dawl ta' informazzjoni li żvela Dr Carabot, fejn Paceville qed ikun l-aktar post fejn jiltaqgħu in-nies biex wara jkollhom is-sess, il-Membri stqarru li għandu jkun hemm kampanja intensiva favur saħħa sesswali f'postijiet fejn iċ-ċans ta' relazzjonijiet sesswali każwali huma l-ogħla. F'dak li għandu x'jaqsam tagħlim fl-iskejjel, huma qablu ma' dak li qal Dr Carabot li nofs siegħa biss ta' tagħlim favur saħħa sesswali fil-lezzjonijiet tal-PSD huwa ftit wisq u r-riforma fis-sistema edukattiva għandha tindirizza dan ukoll, flimkien ma' tagħlim fuq l-użu bil-għaqal u kkontrollat tal-internet. L-internet u l-aċċess faċli għall-pornografija jistgħu jwasslu lejn perċezzjoni ħażina ħafna tas-sesswalità. Min-naħa l-oħra l-Membri ddiskutew kif l-internet jista' jkun mezz ta' kommunikazzjoni

strateġiku sabiex iwassal messaġġ favur is-saħħa sesswali qalb l-istudenti, partikolarment dawk fil-livell sekondarju u terzjarju.

Il-Membri Parlamentari fi ħdan il-Kumitat saħqu għall-kampanji edukattivi li jkunu ffukati skont l-età u l-ispeċifità tar-reġjun. Huma argumentaw li f'ċertu postijiet f'Malta, l-edukazzjoni favur saħħa sesswali għandha tkun aktar persistenti minħabba l-kundizzjonijiet soċjali, kulturali, edukattivi u ekonomiċi tal-persuni li jkunu qegħdin jgħixu f'dak ir-reġjun partikolari. Min-naħa l-oħra, huma jixtiequ li l-kampanji edukattivi jkunu aktar frekwenti fuq it-televiżjoni u l-internet, u li jkunu magħmula b'tali mod li jiġbdu l-attenzjoni taż-żgħażagħ u l-ġenituri, u bil-lingwa taż-żgħażagħ. Intant l-Onor Gonzi bi qbil mal-Membri, ippropona sabiex il-Kumitat jorganizza laqgħa sabiex l-i*stakeholders* kollha f'dan il-qasam jagħrfu l-messaġġ favur is-saħħa sesswali u b'hekk ma jibqax jinħass konfużjoni ta' messaġġi differenti li jistgħu iħawdu l-imħuħ u l-aġir sesswali fis-soċjetà.

Il-Membri tal-Kumitat qablu li edukazzjoni favur saħħa sesswali ma tfissirx biss il-promozzjoni tal-użu tal-*condoms* u kontraċettivi oħra, imma t-tagħlim ta' kif dawn għandhom jintużaw u kif koppja għandha timmatura fir-relazzjoni, inkluż dik intima ta' bejniethom. Għalkemm l-użu tal-kontraċettivi jnaqqas drastikament il-probabilità ta' mard trasmess sesswalment u tqala mhux ipjanata, ir-riskju xorta jibqa preżenti, b'mod speċjali meta dawn jintużaw ħażin. Il-*condom* ma joffrix ħarsien mija fil-mija għall-mard trasmess sesswalment u l-astinenza hija parti minn strateġija li tipposponi r-rapport sesswali għal età aktar matura. Fil-kultura Maltija it-*taboos* u l-misinformazzjoni fuq il-kontraċettivi qed iżommu milli l-messaġġ favur saħħa sesswali jasal b'mod ċar.

Xi Membri tal-Kumitat esprimew l-preokkupazzjoni serja tagħhom għall-fatt li numru sostanzjali (70%) tal-pazjenti tal-GU *Clinic* ma jużawx protezzjoni waqt ir-rapporti sesswali każwali. Il-Membri li jipprattikaw il-professjoni ta' tabib ipperċepixxu korrelazzjoni ma' dak li jaraw fil-kliniċi tagħhom ta' tabib u din l-Istatistika tal-GU *Clinic*. Fil-fatt huma qalu li kemm il-darba jaraw pazjenti li jiddeċiedu li jkollhom rapporti każwali mingħajr protezzjoni, u allura bi probabilità akbar li jimirdu huma u/jew saħħet familthom.

Il-Membri qalu li huwa ta' tħassib ukoll kif għad fadal persuni li jivjaġġaw f'pajjiżi barranin u jidħlu għal rapport sesswali każwali, b'detriment għal saħħithom, saħħet familthom u lil min jista jkun qed jiġi sfruttat. Edukazzjoni favur saħħa sesswali trid tkun konxja minn din ir-realtà u twassal messaġġ ta' mġieba sesswali responsabbli u l-użu bil għaqal tal-kontraċettivi, anke meta wieħed isiefer.

## 2.3. Responsabbilità

Il-Membri tal-Kumitat iddiskutew u saħqu favur aktar responsabbilità sesswali fis-soċjetà Maltija. Il-ġenituri għandhom rwol importanti sabiex jgħaddu l-valur tar-reponsabilità lit-tfal tagħhom; għaliex dan il-valur mhux biss jgħin favur aktar responsabbilità sesswali imma għall-attitudni u mġieba tajba tat-tfal in ġenerali. Dr Anna Vella qalet li studji internazzjonali juru li edukazzjoni favur responsabbilità sesswali jkollha impatt pożittiv fuq adolexxenti qabel ma dawn jibdew ikunu sesswalment attivi.

Edukaturi u professjonisti fil-qasam tas-saħħa għandhom jippjanaw kampanja edukattiva favur responsabbilità sesswali li ddur l-iskejjel sekondarji kollha u tagħmel laqgħat mal-ġenituri tal-istudenti. Normalment, huwa fatt magħruf li ż-żgħażagħ jisimgħu mill-ħbieb tagħhom u tinħass pressjoni kbira sabiex iż-żgħażagħ ikollhom sess każwali minn età żgħira. Madanakollu ż-żgħażagħ, partikolarment dawk ta' età żgħira, qed jisimgħu u jitħajru mill-*media*, internet, it-televixin u mill-ħafna reklami li jħajru l-attività sesswali. Dan hu perikuluż ħafna. Eventwalment, il-messaġġi tal-familja u l-iskola jiġu wara l-ħbieb, televixin u internet. Il-vuċi tal-edukaturi żgur li mhijiex il-vuċi tal-ħbieb tagħhom u din hija xi ħaġa li l-edukaturi jridu jiftakru u jeħduha bħala sfida. Kull ma jmur iż-żgħażagħ dejjem qegħdin jibdew joħorġu flimkien minn qabel u allura jibdew jitħajru għall-attività sesswali minn qabel.

Edukazzjoni lejn responsabbilità sesswali trid twassal messaġġ pożittiv għal kull età, b'mod speċjali l-adolexxenti, jiġifieri mhux li ma tagħmilx sess imma x'se nagħmlu bis-sesswalità tagħna. Filwaqt li nirrikonoxxu l-bidliet ormonali, bijoloġiċi u psikoloġiċi fl-adolexxenza, edukazzjoni lejn responsabbilità sesswali tfisser x'għandu jsir u gwida ċara f'dan il-perjodu ta' bidla fil-ħajja taż-żgħażagħ. L-aktar ħaġa li ma jridux iż-żgħażagħ hija li jsibu lil min joqgħod jiġġudikahom u allura l-valur tar-responsabbilità jrid jasal għand iż-żgħażagħ permezz ta' programmi li jagħtu sens ta' *empowerement*. Dan ifisser involviment parteċipattiv f'edukazzjoni responsabbli li tgħolli l-istima taż-żgħażagħ u jifhmu l-valur, l-effetti u l-moralità tas-sesswalità. Madanakollu, l-għarfien u t-tagħlim favur saħħa sesswali tista' ma tirriflettix fl-imġieba u l-attitudni taż-żgħażagħ, u din hija sfida oħra kbira għall-edukaturi. Il-problema hija aktar komplessa meta wieħed iqis il-mentalità taż-żgħażagħ *"dak li ġara lil ħaddieħor mhux se jiġri lili."* Għal darboħra hawnkekk toħroġ l-importanza tal-involviment taż-żgħażagħ f'edukazzjoni li tgħolli l-istima tagħhom infushom u jħossuhom responsabbli fid-deċiżjonijiet sesswali tagħhom.

Għalkemm ir-responsabbilità sesswali tiġi applikata skont l-età tal-persuna, il-valur intrinsku irid ikun komuni tul il-proċess tal-iżvilupp tal-persuna. Pereżempju, fl-età pre-adolexxenzjali ir-responsabbilità sesswali titlob tagħlim

favur l-astinenza u tagħlim ieħor li jnissel responsabbilità favur relazzjonijiet b'saħħithom li jipposponi l-att sesswali għall-età aktar matura. Jikkumplimenta dan kollu għandu jkun it-tisħiħ tal-*media literacy* fl-iskejjel ħalli l-istudenti jagħrfu b'responsabbilità jagħmlu distinzjoni bejn dik li hija realtà u fantasija fuq l-internet u t-televiżjoni. Il-*media* tista' twassal perċezzjoni ħażina tas-sesswalità u dan għandu jkun korrett permezz tal-*media literacy*. Fl-età post-adolexxenzjali, ir-responsabbilità sesswali titlob tagħlim aktar profond fuq il-kontraċettivi, kif jintużaw u fejn jinżammu, u d-distinzjoni bejn il-kontraċettivi u l-mard trasmess sesswalment u l-prevenzjoni mit-tqala. It-tagħlim irid iwassal il-messaġġ ukoll li bl-użu tal-*condoms* kif suppost, xorta l-persuna tista tiltaqa ma' mard trasmess sesswalment bħal *chlamydia, gonorrhea* u *syphilis*. Anke fejn jidħol l-użu tal-kontraċettivi, it-tagħlim irid ikun responsabbli biżżejjed sabiex jinforma liż-żgħażagħ fuq kull sitwazzjoni li tista tirrikjedi attenzjoni medika. Huwa ferm importanti li permezz ta' edukazzjoni favur responsabbilità sesswali ż-żgħażagħ ikunu kapaċi jitkellmu b'mod ħieles fuq il-kontraċettivi, il-mard trasmess sesswalment u t-tqala mhux pjanata.

L-istrateġija tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa tirrakomanda pjan ta' tagħlim ibbażat fuq *ABCD*, jiġifieri A (*abstinence* - astjeni), B (*be faithful* – kun fidil fir-relazzjoni), C (*condomise* – uża l-condom), D (*don't do drugs* – tużax droga u alkoħol)[8]. Filwaqt li din l-istrateġija hija waħda komprensiva, jista' jagħti l-każ li mhux dejjem tista' tkun applikata b'mod sħiħ skont l-età. Kif ġie aċċennat aktar qabel, eżempju ta' dan huwa fl-età pre-adolexxenzjali, fejn ir-responsabbilità sesswali titlob aktar tagħlim favur l-astinenza milli l-użu ta' kontraċettivi. Għalkemm fl-etajiet daqsxejn kbar il-programmi favur l-astinenza huma diffiċli ħafna li jinżammu, ir-responsabbilità sesswali f'età żgħira tirrikjedi astinenza u postponiment tal-att sesswali għal età aktar matura. L-istudji juru li meta l-messaġġi jkunu varji, jiġifieri filli qed tirrakkomanda mod (astinenza) u mbagħad mod ieħor (l-użu tal-kontraċettivi), din tista' tħawwad l-imħuħ. Dan jgħodd l-istess għal "*be faithful*", fejn żgħażagħ ta' età pre-adolexxenzjali tgħidilhom sabiex iżommu relazzjoni stabbli, meta dawn l-anqas biss ikollhom moħħ ta' relazzjoni serja u inqas u inqas il-ħsieb li jiżżewġu. Il-Membri tal-Kumitat qablu li dawn l-istudji jsostnu li l-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali trid tkun iffukata skont l-età tal-persuna[9].

---

[8] http://www.who.int/topics/sexually_transmitted_infections/en/
[9] http://www.childtrends.org/Files/Child_Trends-2008_10_30_FS_CondomUse.pdf
http://www.childtrends.org/Files/Child_Trends-2008_04_14_FS_ContraDiscussions.pdf
http://www.childtrends.org/Files/Child-Trends-2008_08_13_FS_TeenSexQuiz.pdf
http://www.imfcanada.org/article_files/eReview%20-%20September%2024,%202008%20-%20for%20print.pdf

Għalkemm żgħażagħ ta' età pre-adolexxenzjali u adolexxenzjali ma jkollhomx moħħ ir-relazzjoni stabbli, fil-kapitlu li jmiss ser jiġi diskuss kif edukazzjoni preventiva li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet, possibilment f'dawn l-etajiet hija importanti. Studji juru kif din it-tip ta' edukazzjoni twassal għal aktar responsabbilità, onestà u integrità fir-relazzjonijiet, kemm dawk bejn il-ħbieb, koppji u ġenituri[10]. Tajjeb li ż-żgħażagħ jifhmu li ma jeżisti l-ebda kontraċettiv li jipproteġi kontra l-uġigħ psikoloġiku. Għalhekk jeħtieġ li jitnissel sens ta' responsabbilità qalb iż-żgħażagħ sabiex ikunu assertivi, jafu jieħdu d-deċiżjonijiet sesswali u jagħrfu jagħżlu **<u>l-le jew iva</u>** meta jkun il-waqt. Minkejja l-isfida tat-tagħlim favur ir-responsabbilità sesswali maż-żgħażagħ, dan kollhu jwassal sabiex huma jkunu kapaċi jifhmu u jitkellmu fuq deċiżjonijiet marbuta mal-ħajja sesswali tagħhom, fosthom l-astinenza u l-posponiment tal-att sesswali, ir-riskju tal-mard trasmess sesswalment, il-kontraċettivi u kif tippreveni tqala mhux pjanata.

### 2.3.1. Ir-responsabbilità u t-tobba

Il-Kumitat iħoss li t-tobba tal-familja għandhom responsabbilità u rwol importanti x'jaqdu kemm ma' dak li għandu x'jaqsam tagħlim fuq mard trasmess sesswalment, kif ukoll ir-riċerka fis-suġġett. F'dan il-kuntest it-tobba tal-familja għandhom il-potenzjal li jtejbu r-riċerka u qed jiġi rrakkomandat sabiex kull tabib tal-familja, meta jiltaqa ma' persuni nfettati b'dan il-mard, ikun konformi mal-Artiklu 31 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika[11] u l-Att dwar il-Kura tal-Mard Venerju[12]. B'hekk jiġi notifikat lill-awtoritajiet, dawk il-pazjenti b'mard li jista' jiġi trasmess, skont ma' teżiġi l-liġi u għall-ġid tas-soċjetà. Meta mistoqsija fuq linji gwida għat-tobba tal-familja, Dr Charmaine Gauci spjegat kif fl-ippjanar tal-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali, id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa diġa qed jiddiskuti dawn il-linji gwida fid-dawl ta' aktar monitoraġġ u statistika dejjem aġġornata.

Dr Gauci saħqet fuq l-importanza tas-sorveljanza. Is-sorveljanza u l-monitoraġġ jikkumplimentaw u jgħinu r-riċerka lokali f'dan il-qasam. Meta mistoqsi fuq l-importanza tal-Istatistika, Dr Carabot qal li l-Istatistika li huwa ppreżenta hija biss *the tip of the pyramid* u t-tobba għandhom id-dmir u r-responasabilità li jinnotifikaw il-mard trasmess sesswalment. Barra minn hekk tinħass il-problema li mhux kulħadd huwa responsabbli biżżejjed li jekk jimrad

---

[10] Stqarrija - Il-Kumitat Parlamentari tal-Affarijiet Soċjali jerġa' jiltaqa' ma' Dr Angela Abela fuq l-importanza tal-edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom – 25.02.09 - http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1

[11] **31.** (1) Tabib li jikkura jew jeżamina persuna minħabba xi marda li għandha tiġi avżata għandu jirrapporta dik il-marda li għandha tiġi avżata lis-Suprintendent fuq iċ-ċertifikat indikat.

[12] http://docs.justice.gov.mt/lom/legislation/maltese/leg/vol_4/kap124.pdf

b'infezzjoni trasmessa sesswalment jfittex l-għajnuna tal-GU *Clinic*. Ir-raġunijiet għalfejn persuni nfettati b'mard trasmess sesswalment ma jfittxux is-servizz tal-GU *Clinic* huma varji: minn persuni li ma jkunux qed iħossu uġigħ ta' dan il-mard jew inkella jmorru għand it-tabib tal-familja tagħhom u ma jirreferux, sa oħrajn li jistħu jidħlu f'din il-klinika. It-tobba tal-familja m'għandhomx il-faċilitajiet sabiex jagħmlu t-testijiet bħal GU *Clinic* u allura l-Istatistika lokali mhijiex kompluta. It-tobba tal-familja għandhom ir-responsabbiltà u dmir li jirreferu dawn il-pazjenti lill-GU *Clinic*.

Dr Gauci qalet li ma nistgħux noqogħdu fuq riċerka internazzjonali biss iżda jinħass il-bżonn ta' riċerka hawn Malta wkoll. F'dan il-kuntest, it-tobba tal-familja għandhom rwol importanti. Trid ssir aktar riċerka fuq il-problemi vera t'hawn Malta u kif ser jitwassal il-messaġġ fil-kuntest Malti. Jinħass il-bżonn ukoll ta' kif ser tissaħħaħ il-kura għall-mard trasmess sesswalment u kif l-eżempju tal-GU *Clinic* jista' jkun replikat f'postijiet oħra.

Meta mistoqsi fuq kordinazzjoni aħjar bejn il-GU *Clinic* u speċjalisti oħrajn, bħal ġinekologi, Dr Carabott qal li jinħass il-bżonn ta' aktar responsabbiltà u kordinament bejn l-ispeċjalisti. Huwa qal li jeħtieġu linji gwida f'dan ir-rigward ukoll. Il-Membri tal-Kumitat ddiskutew il-pazjenti ta' nazzjonalità barranija tal-GU *Clinic* flimkien ma' Dr Carabot. Dan tal-aħħar spjega kif il-perċezzjoni Maltija li l-immigranti illegali jistgħu jġibu magħhom mard trasmess sesswalment mhux daqshekk korretta. Fl-2008 kien hemm total ta' 230 pazjent ta' nazzjonalità barranija li żaru l-GU *clinic,* jiġifieri 13.7% tal-pazjenti ġodda. Minn dawn kien hemm 43 li huma immigranti illegali, b'persentaġġ ta' 18.6%. Minn statistika li kkwota Dr Carabot, huwa qal li dawn jirrappreżentaw ftit ħafna mill-infezzjonijiet komuni trasmessi sesswalment. Madanakollu, jeżisti mard ieħor bħall-*hepatitis B* u *HIV* li bħala persentaġġ totali f'Malta, l-immigranti illegali jirrappreżentaw il-maġġor parti ta' dan it-tip ta' mard.

Skont Dr Carabot il-vera problema tal-immigranti hija n-nuqqas ta' interpreti u l-medjazzjoni kulturali. Ir-responsabbiltà medika titlob li dawn il-persuni jkollhom din it-tip ta' assistenza, kemm għalihom sabiex jesprimu ruħhom, il-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u għall-ġid tas-soċjetà in ġenerali.

## 2.4. Fedeltà

Il-Membri tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali qablu li l-libertinaġġ sesswali u l-infedeltà jwassal għal rovina tas-soċjetà u tal-familji; u allura ma jistax ikun li l-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali tħalli barra l-importanza tat-tagħlim fuq il-valur tal-fedeltà. Il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali jaqbel li quddiem ir-realtà ta' aktar mard trasmess sesswalment u l-fenomenu dejjem jikber tat-*teenage*

*pregnancies* u *single parenthood* jeħtieġ aktar impenn favur relazzjonijiet b'saħħithom mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Jeħtieġ li ssir edukazzjoni preventiva li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet, possibilment fl-età adolexxenzjali u post-adolexxenzjali. Kif diġa ġie rrakomandat f'diversi dokumenti ta' dan il-Kumitat[13], l-iskejjel għandhom rwol importanti f'dan ir-rigward u kif jistgħu jwasslu l-messaġġ tal-fedeltà fir-relazzjoni fl-etajiet indikati hawn fuq. Riċerka lokali indikat li adolexxenti wrew ċar li jixtiequ jitgħallmu kif jibdew, iżommu jew jispiċċaw relazzjoni. Dan għaliex xi adolexxenti u żgħażagħ ma jħossuhomx kunfidenti kif jibdew relazzjoni u jabbużaw mill-alkoħol sabiex jagħmlu l-ewwel pass. Din l-imġieba tista' żżid ir-rata diġà għolja ta' ommijiet-xebbiet, mard trasmess sesswalment u tħeġġeġ l-infedeltà.

Ir-riċerka lokali wriet li xi koppji għadhom ma jafux x'jiġifieri ħajja miżżewġa u jidħlu għal impenn taż-żwieġ b'ideat differenti[14]. Studji lokali[15] urew ukoll illi l-ewwel ftit xhur taż-żwieġ jistgħu jkunu l-aktar vulnerabbli, u liema vulnerabilità tista' twassal għall-infedeltà. Min-naħa l-oħra, minn dak li ntqal lill-Kumitat, il-koppji żgħażagħ motivati li jattendu korsijiet ta' qabel iż-żwieġ, għandhom aktar ċans li jkunu mgħallma fuq il-valur importanti tal-fedeltà. B'hekk iż-żwieġ tagħhom ikun aktar b'saħħtu. Fid-dawl ta' aktar koppji li qed jiżżewġu bl-Istat, il-Membri ġew mgħarrfa li l-korsijiet ta' qabel iż-żwieġ jistgħu jiġu offruti mill-Istat ukoll. Dan ifisser li l-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali tikkumplimenta l-edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom u li jkunu parti integrali minn politika nazzjonali tal-familja (ara Appendiċi 1). It-tliet strateġiji qed jinidrizzaw il-problema tal-infedeltà u l-ħsarat li din ssarraf fis-soċjetà.

Il-Membri tal-Kumitat iddiskutew it-tibdil li qed iseħħ fis-soċjetà Maltija u l-mod kif qed tgħix is-soċjetà Maltija. Illum il-ġurnata tinħass ċerta libertaġġ sesswali kemm minn min ma jkunx miżżewweġ u anke minn min ikun miżzewweġ. Li wieħed ma jkunx fidil fiż-żwieġ saret titqies xi ħaġa aċċettata fil-ħajja, kemm fuq il-post tax-xogħol u anke fil-ħajja soċjali. Dan ifisser li l-istrateġija nazzjonali favur saħħa sesswali ma għandiex tkun indirizzata biss lit-tfal, adolexxenti u żgħażagħ iżda anke l-persuni adulti. Fost il-ħafna ġurnali parlamentari li l-Membri jirċievu kull xahar, huma tkellmu fuq ġurnal partikolari

---

13 http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1

14 Stqarrija - Il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali jiddiskuti n-nuqqas tal-missier, is-separazzjoni u l-effetti fuq it-tfal – 22.1.09 - http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1
Stqarrija - Il-Kumitat Parlamentari tal-Affarijiet Soċjali jerġa' jiltaqa' ma' Dr Angela Abela fuq l-importanza tal-edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom – 25.02.09 - http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1

15 ibid

minn Moska[16], fejn fl-ewwel paġna tiegħu hemm artiklu dwar kif is-sindku ta' din il-belt, flimkien ma' oħrajn, qegħdin jitfgħu attenzjoni kbira biex jitkellmu fuq l-importanza tal-fedeltà f'relazzjoni u l-familja, irrispettivament mill-Istat ta' din ir-relazzjoni. Dan għaliex dawn is-sindki qablu li l-valur tal-fedeltà jagħti aktar sens lill-ħajja u jnaqqas in-nefqa soċjali li l-infedeltà tista' twassal, bħal tkissir tal-familji u mard trasmess sesswalment. Il-Membri tkellmu kif il-libertinaġġ sesswali minn dejjem kien jeżisti fis-soċjetà, però llum jinsab aktar miftuħ u fil-beraħ. Huma saħqu fuq il-valuri tal-moralità u kif dawn jgħinu għal aktar stabilità soċjali li tillimita l-mard trasmess sesswalment, irrispettivament minn orjentazzjoni sesswali, reliġjon, età, kulur, razza u status fis-soċjetà.

## 2.5. Suġġetti prinċipali u r-*risk compensation*

Minn dak li ġie diskuss f'dawn il-laqgħat, jidher ċar li l-edukazzjoni favur is-saħħa sesswali għandha tingħata prijorità għaliex tikkontribwixxi lejn l-iżvilupp b'saħħtu tat-tfal, adolexxenti, iż-żgħażagħ u s-soċjetà in ġenerali. Investiment lejn strateġiji u programmi li jtejbu l-kwalità tal-ħajja sesswali għal kulħadd ikollhom benefiċċji sostanzjali kemm f'qasir żmien u anke fit-tul. L-aċċess għall-informazzjoni ħielsa minn kull preġudizzju u t-tagħlim favur is-saħħa sesswali huma determinanti sabiex insaħħu l-kapaċitajiet assertivi tal-gruppi kollha fis-soċjetà u sabiex kulħadd ikun responsabbli fl-aġir sesswali, skont l-età tiegħu jew tagħha. Dan għandu jsir b'kull mezz ta' kommunikazzjoni possibbli u kull *stakeholder* irid jifhem l-importanza ta' messaġġ wieħed u ffukat. Sabiex isir dan l-istrateġija nazzjonali trid tkopri kemm l-aċċess, kif ukoll it-tagħim favur saħħa sesswali u l-użu tal-kontraċettivi.

Madanakollu, l-istrateġija nazzjonal favur saħħa sesswali trid tieħu in konsiderazzjoni u tagħti mportanza lill-fenomenu tar-*risk compensation*[17]. Din hija sitwazzjoni fejn livell għoli ta' aċċess għall-kontraċettivi BISS, mingħajr it-tagħlim favur is-saħħa sesswali u l-użu tal-kontraċettivi, jistgħu jżidu l-mard trasmess sesswalment. Dan għaliex biż-żieda ta' aċċess għall-kontraċettivi BISS, mingħajr it-tagħlim, jista' jżid il-probabilità ta' aktar relazzjonijiet sesswali każwali li wieħed ma jiħux jekk ma jkunx hemm aċċess għall-kontraċettivi.

Jidher li kemm l-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali, l-edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom (hekk kif imsemmi fl-ewwel rapport ta' dan il-

[16] Lyudmila Shvetsova. (2008). Moscow for united families. In *Moscow Open City (No.3) – Year of the Family* (pg.1). Moscow: ZAO Vechernyaya Moskva Concern.

[17] http://www.greenwood.com/catalog/T316.aspx
http://www.bbc.co.uk/blogs/ni/2009/03/aids_expert_who_defended_the_p.html

Kumitat[18]) u l-politika nazzjonali tal-familja għandhom ħafna in komuni u allura l-integrazzjoni tagħhom tista tħalli ħafna frott fis-soċjetà (ara Appendiċi 1). Dawn it-tlitt srateġiji għandhom l-edukazzjoni u l-prevenzjoni, ir-responsabbilità u l-fedeltà bħala valuri bażiċi fil-pedament tagħhom. Jikkumplimenta dan kollu irid ikun il-kapaċità tas-servizzi tas-saħħa tal-Istat li jkejlu, jevalwaw u jħejju statistika li tisħoq fuq indikaturi ċari ta' saħħa sesswali. L-aċċess għal kura għandha wkoll rwol fundamentali u l-prattiċi użati fil-GU *Clinic* jistgħu jiġu replikati f'postijiet differenti f'Malta u Għawdex, partikolarment f'Għawdex fejn ma hemmx servizz bħal GU *Clinic*.

[18] http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1 - Il-ħidma lejn l-inklużjoni soċjali tfisser ħidma kontra l-faqar; It-tfal l-aktar li jbatu

## RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-KUMITAT DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

### 3.1. Punti Ewlenin

L-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali trid tkun mmirata skont l-età tal-persuna u allura jkollha diversi linji ta' azzjoni li jwasslu għal għan wieħed. Jidher ċar li tinħass sinerġija bejn l-istrateġija favur saħħa sesswali u r-rakkomandazzjonijiet li diġa ppublika l-Kumitat fl-ewwel dokument ta' din il-leġislatura[19]. Dan isaħħaħ il-filosofija u l-prinċipju tal-Kumitat li t-tisħiħ tal-familja huwa ntrisikament marbut mat-tisħiħ tas-soċjetà.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali jistgħu jinqasmu b'mod konkret f'ħames temi:

- L-għażliet personali
- Il-valuri fis-soċjetà
- Aċċess għas-Servizzi
- Il-Familja u l-Komunità
- Riċerka, evalwazzjoni u informazzjoni

### 3.2. L-għażliet personali

a. Bla dubju għandhom jiżdiedu l-opportunitajiet sabiex kulħadd ikollu l-għarfien, l-attitudni, il-kapaċitajiet, il-ħiliet u l-imġieba responsabbli sabiex jagħmel l-aħjar għażliet fil-ħajja sesswali. L-iskejjel għandhom rwol importanti f'dan kollu u allura fid-dawl tar-riforma edukattiva f'pajjiżna għandu jsir pjan kif l-edukazzjoni favur is-saħħa sesswali fl-iskejjel titjieb f'kull stadju, kemm fil-primarja, sekondarja, post-sekondarju u/jew terzjarju.

b. Il-ġenituri għandhom rwol importanti sabiex isostnu l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali favur saħħa sesswali fl-iskejjel u allura għandhom ikunu sieħba ewlenin flimkien mal-professjonisti. Għal dan il-għan l-istess skejjel għandom jinkludu lill-ġenituri f'dan ir-rigward.

c. Aċċess universali għal edukazzjoni sesswali fl-iskejjel għal kulħadd u li tkun immirata skont l-età tal-istudenti u sostnuta tul is-snin kollha tal-edukazzjoni. Għandha ssir riċerka u evalwazzjoni tal-aqwa prattiċi ta' kif isir it-tagħlim tal-edukazzjoni favur saħħa sesswali. Dan sabiex jiġi determinat l-aħjar metodu ta' tagħlim u jekk għandux ikun integrat

---

[19] ibid

f'suġġetti oħra jew għalih, kemm fil-primarja, sekondarja u post-sekondarja.

d. Isir programm interattiv fuq l-internet li jagħti l-faċilità lill-istudenti jitgħallmu aktar fuq is-saħħa sesswali u s-sesswalità, skont l-età.

e. Mudelli ta' gwida u programmi ta' edukazzjoni sesswali fil-komunità għal dawk iż-żgħażagħ li jkunu spiċċaw l-iskola u/jew huma aktar f'riskju jew emarġinati/faqar relattiv.

f. Linji gwida għal edukazzjoni sesswali li tikkumplimenta programmi oħra ta' promozzjoni ta' saħħa favur kultura li teħodha kontra d-dipendenzi bħad-droga u l-alkoħol.

g. Tagħlim aħjar fuq il-kontraċettivi, l-użu tajjeb u f'waqtu tagħhom u l-implikazzjonijiet mediċi kollha tal-użu tagħhom.

h. Għandu jingħata wkoll għarfien li bl-użu tal-kontraċettivi għall-prevenzjoni mit-tqala, ma jfissirx l-istess għal-prevenzjoni minn mard trasmess sesswalment. Dan għaliex bl-użu ta' xi kontraċettivi, anke jekk dawn ikunu użati kif suppost, xorta l-persuna tista' tiltaqa' ma' mard trasmess sesswalment bħal *chlamydia, gonorrhea* u *syphilis*.

i. Tajjeb li ż-żgħażagħ jifhmu li ma jeżisti l-ebda kontraċettiv li jipproteġi kontra l-uġigħ psikoloġiku. Għalhekk jeħtieġ li jitnissel sens ta' responsabbilità qalb iż-żgħażagħ sabiex ikunu assertivi, jafu jieħdu d-deċiżjonijiet sesswali u jagħrfu jagħżlu **<u>l-le jew iva</u>** meta jkun il-waqt.

j. Promozzjoni aħjar fuq l-importanza ta' *check-ups* regolari għal kulħadd, inkluż fl-iskejjel sekondarji u terzjarji, b'mod partikolari għal min ikun f'riskju għoli ta' mard trasmess sesswalment u li jista' jipperikola saħħtu u saħħet ħaddieħor.

k. Edukazzjoni favur saħħa sesswali li tkun tirrispetta d-diversità kulturali, orjentazzjoni sesswali, diżabilità u razza.

l. Jeħtieġ li ssir edukazzjoni preventiva li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet, possibilment fl-età adolexxenzjali u post-adolexxenzjali li tnibbet l-importanza tal-fedeltà kemm f'relazzjoni miżżewġa u mhux.

**3.3. Il-valuri fis-soċjetà**

a. Għal darba oħra qed jerġa joħroġ ċar l-importanza tal-integrazzjoni tal-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali, l-edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom u l-politika nazzjonali tal-familja, sabiex jissaħħu l-valuri qalb is-soċjetà Maltija.

b. Edukazzjoni favur saħħa sesswali trid issaħħaħ sens ta' responsabbilità fl-aġir sesswali fis-soċjetà; ħalli l-persuna tagħmel l-għażliet sesswali skont l-età u l-maturità tagħha.

c. It-tagħlim tal-midja *(media literacy)*, kemm fl-iskejjel u għas-soċjetà in ġenerali, huwa mportanti ħalli kulħadd b'responsabbilità jagħraf jagħmel distinzjoni bejn dik li hija realtà u fantasija fuq l-internet u t-televixin. Dan sabiex jiġi korrett il-perċezzjoni ħażina tas-sesswalità li l-midja tista' toħloq.

d. Tiġi indirizzata l-mentalità ta' *"dak li ġara lil ħaddieħor mhux se jiġri lili"* u l-pressjoni soċjali mill-ħbieb favur sess prematur. Il-programmi edukattivi għandhom jagħtu importanza għall-involviment (*empowerement*) f'edukazzjoni li tgħolli l-istima tal-persuna u tipposponi r-rapport sesswali minn età pre-adolexxenzjali u adolexxenzjali għal età aktar matura.

e. Il-Maltin li jmorru f'pajjiżi magħrufa għat-turiżmu sesswali huwa fattur ieħor li l-edukazzjoni favur saħħa sesswali trid tindirizza.

f. Jiġu spjegati l-effetti ħżiena tal-libertinaġġ sesswali u l-importanza tal-fedeltà f'relazzjoni, kemm għall-koppja, il-familja u s-soċjetà in ġenerali.

**3.4. Aċċess għas-servizzi**

a. Għandu jiġi studjat kif is-servizzi ta' kura ta' mard trasmess sesswalment jistgħu jiġu replikati f'diversi kliniċi u ċentri tas-saħħa tal-Istat, kemm f'Malta u anke Għawdex.

b. Attenzjoni partikolari trid tingħata sabiex jiġu ndirizzati r-realtajiet speċifiċi ta' ċertu reġjuni f'Malta u Għawdex, fejn jista' jagħti l-każ li ċertu persuni jkunu f'riskju għoli.

c. Aċċess għas-servizzi huwa intrinsikament marbut mal-aċċess għal edukazzjoni u allura trid tinħoloq kampanja b'saħħitha f'dan ir-rigward.

d. Għandu jsir sforz sabiex ir-riżorsi tal-Istat (permezz ta' dipartimenti u aġenziji diversi) u s-soċjetà ċivili, jinġiebu flimkien ħalli jintlaħaq l-għan tal-istrateġija nazzjonali favur saħħa sesswali.

e. Il-professjonisti u dawk kollha involuti fis-servizzi fl-oqsma soċjali huma l-akbar forza fil-pajjiż li fil-prattika tal-professjoni tagħhom jiltaqgħu mas-soċjetà. B'hekk jistgħu jikkontribwixxu sabiex is-soċjetà tifhem aħjar il-ħtieġa tar-responsabilita fil-ħajja sesswali. Dawn il-professjonisti jinkludu tobba, għalliema, infermiera u qwiebel, psikologi, *social* u *youth workers*. Huma għandhom jingħatu tagħrif fuq il-linji gwida tal-istrateġija nazzjonali favur saħħa sesswali ħalli kulħadd ikun konformi ma' messaġġ wieħed u ffukat. Qed ikun suġġerit ukoll li l-Università ta' Malta għandha tħejji lil dawn il-professjonisti sabiex ikunu mħarrġa adegwatament f'dan il-qasam. L-istess Università qed tiġi mitluba sabiex toħloq kuxjenza soċjali fost dawn il-professjonisti li tgħinhom jagħrfu persuni li minħabba s-sitwazzjoni li jgħixu fihom jistgħu jgħollu r-riskju ta' mard trasmess sesswalment. It-tagħlim għall-professjonisti għandu jkun kontinwu, ffinanzjat regolarment, u bbażat fuq kultura ta' *empowerment* fejn il-persuna stess tara kif huma jistgħu itejbu l-kwalità ta' ħajjithom.

f. Jinħass il-bżonn ta' aktar responsabbilità u kordinament bejn l-ispeċjalisti tal-mediċina permezz ta' linji gwida li jistabilixxu l-prattika ta' bejniethom.

g. Hemm bżonn ta' użu aħjar u aktar għarfien fuq is-servizzi provduti mill-Gvern ta' interpreti u medjazzjoni kulturali għall-immigranti fid-Dipartiment tas-Saħħa. Ir-responsabbilità medika titlob li dawn il-persuni jkollhom din it-tip ta' assistenza, kemm għalihom sabiex jesprimu ruħhom, kif ukoll għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u għal-ġid tas-soċjetà in ġenerali.

h. Jiġu identifikati servizzi ta' għajnuna u appoġġ lill-persuni u l-familji tagħhom li jkunu qed ibgħatu minn mard trasmess sesswlament.

i. Id-Dipartiment tas-Saħħa għandu jipprovdi lil kull klinika tat-tobba u spiżeriji, kemm privati u tal-Istat, fuljetti ta' informazzjoni dwar is-saħħa sesswali.

### 3.5. Il-familji u l-komunità

a. Ir-relazzjoni bejn l-istat ekonomiku, soċjali u kulturali tal-persuna huma fatturi determinanti għall-kwalità tas-saħħa, inkluża s-saħħa sesswali. Hekk kif diġà ġie rakkomandat fl-ewwel dokument tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali (http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1) interventi kmieni u preventivi huma dejjem indispensabbli fl-oqsma soċjali kollha. F'Malta diġà teżisti l-infrastruttura neċessarja sabiex isir dan, bħal korsijiet ta' qabel it-tqala, *Well Baby Clinics*, il-Bereġ u ċ-Ċentri tas-Saħħa. Qed jerġa' jiġi rakkomandat *network* ta' professjonisti bil-għan li jagħmlu kuntatt personali f'dawn il-*clinics*, partikolarment ma' dawk il-persuni, ġenituri u t-tfal li minħabba l-istat soċjo-ekonomiku u kulturali tagħhom, ir-riskju ta' mard trasmess sesswalment jista' jkun ogħla minn ta' persuni oħra. Dawn is-servizzi għandhom jagħtu mportanza wkoll lill-formazzjoni tal-koppja fuq il-valuri u l-importanza tar-rispett, il-fedeltà, il-komunikazzjoni, il-*commitment* bejn il-koppji u l-ippjanar fit-tqala.

b. Bħalma ġie rakkomandat fl-ewwel rapport tal-Kumitat (http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1), qed jerġa jiġi mressaq l-introduzzjoni tal-*family nurse/worker* fil-komunitajiet. Dan sabiex isiru żjajjar lill-familji f'faqar relattiv jew fi problemi soċjali u jagħtu attenzjoni partikolari lill-ġenituri u t-tfal tagħhom sabiex itejbu s-saħħa, inkluż l-imġieba sesswali, il-prevenzjoni u kura ta' mard trasmess sesswalment u l-ippjanar ta' tqala.

c. Il-ġenituri għandhom id-dmir u r-responsabbilità sabiex iħossuhom disposti u miftuħa li jitkellmu mat-tfal tagħhom fuq is-saħħa sesswali ta' wliedhom u li jkunu ta' eżempju tajjeb. Qed jerġa jiġi rakkomonadat l-introduzzjoni ta' servizzi edukattivi fl-iskejjel u fiċ-ċentri taż-żgħażagħ (*family therapy services*) sabiex jindirizzaw il-ħtieġa tal-ġenituri li jkunu jafu ma' xiex jistgħu jiltaqgħu l-adolexxenti fosthom l-internet, ir-rata għolja ta' xorb eċċessiv (*binge drinking*), l-abbuż, u s-saħħa sesswali.

d. Il-politika favur it-tisħiħ tal-familja trid ukoll twassal il-messaġġ favur saħħa sesswali responsabbli. Dan bil-għan li tnaqqas it-twelid ta' tfal mingħand ommijiet-xebbiet (*single mothers*), tipposponi t-tqala għal età matura, tgħallem dwar il-prevenzjoni u l-kura tal-mard trasmess sesswalment u dwar l-obbligi tal-missier lejn it-tarbija.

e. Hekk kif rakkomandat mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (*ABCD*), il-kampanji edukattivi iridu jkunu komprensivi u indrizzati lejn il-familja u

l-komunità kollha, b'kull mezz ta' kommunikazzjoni possibbli u anke dak personali. Għaldaqstant irid isir sforz sabiex il-kampanji televiżi favur saħħa sesswali (u oħrajn soċjali) fuq it-televiżjoni tal-Istat u oħrajn terġa ssir mingħajr ħlas. Dan ir-reklamar ma għandux jitqies bħala reklamar kummerċjali u b'hekk ma jintefax aktar piż finanzjarju fuq id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa.

f. Kull organizzazzjoni taż-żgħażagħ, għaqdiet volontarji, soċjali, u mexxeja fil-komunità għandhom ikunu inklużi fl-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali.

g. Edukazzjoni favur is-saħħa sesswali trid tindirizza lokalitajiet ta' riskju għoli ta' relazzjonijiet sesswali każwali, u dan għandu jsir permezz ta' kampanji personali u kull mezz ieħor ta' kommunikazzjoni possibbli. F'dawn il-postijiet ta' riskju għoli, attenzjoni partikolari trid tingħata għall-fenomenu ta' *risk compensation*.

### 3.6. Riċerka, evalwazzjoni u informazzjoni

a. Għandha ssir analiżi u skrutinju dettaljat tal-istudji ewlenin fil-qasam tas-saħħa sesswali. Dan għandu jgħin l-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali sabiex jinsab bilanċ bejn il-livell ta' aċċess għall-kontraċettivi u l-fenomenu magħruf ta' *risk compensation*. Din hija sitwazzjoni fejn livell għoli ta' aċċess għall-kontraċettivi BISS, mingħajr it-tagħlim favur is-saħħa sesswali u l-użu tal-kontraċettivi, jistgħu jżidu l-mard trasmess sesswalment. Dan għaliex biż-żieda ta' aċċess għall-kontraċettivi BISS, mingħajr it-tagħlim, jista' jżid il-probabilità ta' aktar relazzjonijiet sesswali każwali li wieħed ma jiħux jekk ma jkunx hemm aċċess għall-kontraċettivi.

b. Jidher li t-tisħiħ tal-infrastruttura ċentrali ta' monitoraġġ u surveljanza hija indispensabli għar-riċerka, aġġornament u t-tfassil ta' politika ta' saħħa sesswali. Il-Gvern huwa kommess li jintroduċi sistema elettronika ta' informazzjoni medika ċentrali għat-tobba tal-familja. Dan huwa pass tajjeb sabiex anke n-notifikazzjoni u r-*referral* ta' pazjenti b'mard trasmess sesswalment isir b'mod elettroniku u malajr.

c. It-tobba tal-familja għandhom ikunu konformi mal-Artiklu 31 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika u l-Att dwar il-Kura tal-Mard Venerju ħalli jtejbu r-riċerka lokali.

d. Jissaħħu r-riżorsi allokati lis-*Sexually Trasmitted Infections Prevention Committee*, fosthom anki l-potenzjal li jagħmlu riċerka lokali f'dan il-qasam. Barra minn hekk dan il-Kumitat jista' jagħmel xogħol ma' Istituti u Fakultajiet fi ħdan l-Università ta' Malta, kif ukoll juża fondi tal-Unjoni Ewropeja. Jinħass il-bżonn ta' riċerka sabiex jitkejjel u jiġi studjati r-relazzjoni bejn l-istat ekonomiku, soċjali u kulturali tal-persuna u l-kwalità tas-saħħa, inkluża s-saħħa sesswali.

e. Għandhom jiġu identifikati miri u indikaturi fil-kultura sesswali u l-mard trasmess sesswalment. Dan jgħin sabiex regolarment issir evalwazzjoni finanzjarja u soċjali tal-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali.

f. Il-Gvern għandu jgħin lil dawk l-istudenti, esperti u professjonisti li jridu jagħmlu jew ikomplu l-istudji tagħhom dwar is-saħħa sesswali.

g. Isir stħarriġ sabiex jiġu identifikati fondi mill-Unjoni Ewropeja li jistgħu jintużaw sabiex itejbu l-prattiċi u r-riċerka f'dan il-qasam.

h. Hekk kif sar f'oqsma oħra, għandu jsir sforz sabiex esperti internazzjonali jiltaqgħu regolarment f'pajjiżna ħalli jsir qsim ta' prattiċi tajbin, b'attenzjoni lejn pajjiżi tal-Mediterran.

i. Jingħata bidu għal-studju lokali interdixxiplinari u fit-tul li jistabilixxi l-fatturi determinanti tas-saħħa sesswali.

## APPENDIĊI 1




This diagram highlights successful family-marriage policies and research; it implies strategies that correspond to the best current evidence from the social science